

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1077/2012

tas-16 ta' Novembru 2012

dwar metodu komuni ta' sikurezza għas-superviżjoni mill-awtoritajiet nazzjonali ta' sikurezza wara l-ħruġ ta' ċertifikat ta' sikurezza jew awtorizzazzjoni ta' sikurezza

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzji tal-impriżi ferrovjarji u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

- (1) Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva 2004/49/KE huwa li ttejjeb l-aċċess għas-suq tas-servizzi tat-trasport bil-ferrovija, billi tiddefinixxi prinċipji komuni għall-ġestjoni, għar-regolamentazzjoni u għas-superviżjoni tas-sikurezza tal-linji tal-ferrovija. Barra minn hekk, id-Direttiva 2004/49/KE tipprovdi trattament indaqs lill-impriżi ferrovjarji kollha, billi tapplika l-istess rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni Ewropea kollha.
- (2) Fil-5 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni ħarġet mandat lill-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea ("l-Aġenzija") skont id-Direttiva 2004/49/KE, sabiex l-Aġenzija tfassal abbozz ta' metodu komuni ta' sikurezza (CSM) għas-superviżjoni mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza, wara l-ħruġ ta' ċertifikat tas-sikurezza jew ta' awtorizzazzjoni tas-sikurezza lill-impriżi ferrovjarji u lill-ġesturi tal-infrastruttura. Bi qbil mal-mandat tal-Kummissjoni, l-Aġenzija ressqet lill-Kummissjoni r-rakkomandazzjoni tagħha dwar is-CSM, mirfuda minn rapport ta' valutazzjoni tal-impatt. Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1158/2010 tad-9 ta' Diċembru 2010 dwar metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti sabiex jinkisbu ċertifikati tas-sikurezza ferrovjarja⁽²⁾ jipprovdi metodu għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti għall-ksib ta' ċertifikati tas-sikurezza, li għandhom jinħarġu skont l-Artikolu 10(2)(a) u l-Artikolu 10(2)(b) tad-Direttiva 2004/49/KE. Ir-Regolament imsemmi jiddefinixxi l-kriterji li skonthom għandha ssir il-valutazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza, jiddeskrivi l-proċeduri li għandhom jissewew u jstabbilixxi l-prinċipji li għandhom jiġu osservati mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza matul is-superviżjoni, kif iddefiniti fl-istess Regolament, wara l-ħruġ ta' ċertifikat tas-sikurezza.

- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1169/2010 tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni tas-sikurezza ferrovjarja⁽³⁾, jinkludi r-rekwiżiti u l-metodi ta' valutazzjoni kollha armonizzati li permezz tagħhom l-awtoritajiet nazzjonali ta' sikurezza jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni ta' sikurezza lil ġestur tal-infrastruttura, skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2004/49/KE, li jkopri l-adegwatezza tas-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza b'mod ġenerali, kif ukoll kwalunkwe awtorizzazzjoni speċifika għal xi netwerk. Ir-Regolament imsemmi jiddefinixxi wkoll il-kriterji li skonthom għandha ssir il-valutazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza, jiddeskrivi l-proċeduri li għandhom jissewew, u jstabbilixxi l-prinċipji li għandhom jiġu osservati mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza matul is-superviżjoni, kif iddefiniti fl-istess Regolament, wara l-ħruġ ta' ċertifikat tas-sikurezza.

- (5) Wara l-ħruġ ta' ċertifikat tas-sikurezza jew ta' awtorizzazzjoni ta' sikurezza, l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza għandu jkollha arranġamenti bil-lest sabiex tivverifika jekk ir-riżultati elenkati fl-applikazzjoni għal ċertifikat tas-sikurezza jew awtorizzazzjoni tas-sikurezza humiex qegħdin jintlaħqu tul l-operat, u sabiex tivverifika l-konformità kontinwa mar-rekwiżiti kollha, kif inhu meħtieġ mill-Artikolu 16(2)(e) u l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2004/49/KE.

- (6) Biex twettaq il-kompiti tagħha skont l-Artikolu 16(2)(f) tad-Direttiva 2004/49/KE, l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza għandha wkoll tiġġudika, abbażi tal-attivitajiet tagħha ta' superviżjoni, l-effiċjenza tal-qafas regolatorju tas-sikurezza. "Superviżjoni" tfisser l-arranġamenti stabbiliti mill-awtorità nazzjonali tas-sikurezza sabiex tissorvelja l-prestazzjoni tas-sikurezza wara li tkun tat ċertifikat tas-sikurezza jew awtorizzazzjoni tas-sikurezza.

- (7) Hekk kif tassumi d-dmir ta' superviżjoni, l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza għandha tapplika l-prinċipji fundamentali tal-attività superviziva tal-awtorità nazzjonali tas-sikurezza – jiġifieri, il-proporzjonalità, il-konsistenza, l-immirar, it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-kooperazzjoni – kif inhu stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1158/2010 u fir-Regolament (UE) Nru 1169/2010. Madankollu, dawn il-prinċipji jeħtieġu wkoll qafas u proċess biex jiġu applikati fil-prattika fl-attivitajiet ta' kuljum tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza. Dan ir-Regolament ikun jipprovdi l-qafas u l-proċess meħtieġa għall-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza, filwaqt li jtejjeb il-fiduċja reċiproka fl-approċċi tagħhom, kif ukoll fit-tehdid tad-deċiżjonijiet tagħhom waqt is-superviżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44.⁽²⁾ ĠU L 326, 10.12.2010, p. 11.⁽³⁾ ĠU L 327, 11.12.2010, p. 13.

(8) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2004/49/KE,

3. L-awtorità nazzjonali tas-sikurezza għandha tirrevedi b'mod regolari l-istrateġija u l-pjan(ijiet) fid-dawl tal-esperjenza, bl-użu tat-tagħrif miġbur u r-riżultati tas-superviżjoni.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 4

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi metodu komuni ta' sikurezza (CSM) għas-superviżjoni tal-prestazzjoni tas-sikurezza wara l-ħruġ ta' ċertifikat ta' sikurezza għall-impriżi ferrovjarji, jew ta' awtorizzazzjoni ta' sikurezza għall-ġesturi tal-infrastrutturi, kif imsemmija fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1158/2010 u fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1169/2010, rispettivament.

2. L-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza għandhom japplikaw il-metodu komuni ta' sikurezza sabiex jimmonitorjaw il-konformità mal-obbligu legali, għal impriża ferrovjarja jew ġestur tal-infrastruttura, li jużaw sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza sabiex jiżguraw il-kontroll tar-riskji kollha marbutin mal-attivitajiet tagħhom, inkluża l-provvista ta' manutenzjoni, materjal u l-użu ta' kuntratturi; u fejn applikabbli, l-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza għandhom jivverifikaw l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1078/2012 tas-16 ta' Novembru 2012 dwar metodu komuni ta' sikurezza għall-monitoraġġ li għandu jiġi applikat mill-impriżi ferrovjarji u mill-ġesturi tal-infrastruttura wara li jkun rċevew ċertifikat tas-sikurezza jew awtorizzazzjoni ta' sikurezza, kif ukoll mill-entitajiet li jkun responsabbli għall-manutenzjoni ⁽¹⁾.

3. L-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza għandhom jużaw dan ir-Regolament fit-tweġġ tal-attivitajiet tagħhom ta' superviżjoni, skont l-Artikolu 16(2)(f) tad-Direttiva 2004/49/KE, u għandhom jagħtu parir lill-Istati Membri fir-rigward tal-effiċjenza tal-qafas regolatorju għas-sikurezza.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "superviżjoni" għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1158/2010 u l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2010.

Artikolu 3

Strateġija u pjan(ijiet) tas-superviżjoni

1. L-awtorità nazzjonali tas-sikurezza għandha tiżviluppa u timplimenta strateġija u pjan(ijiet) ta' sikurezza, li fihom tfassal kif se timmira l-attivitajiet tagħha, u tistabbilixxi l-prijoritajiet tagħha għas-superviżjoni kif inhu spjegat fl-Anness.

2. L-awtorità nazzjonali tas-sikurezza għandha tiġbor u tanalizza tagħrif minn firxa varja ta' sorsi. Għandha tuża t-tagħrif miġbur u r-riżultati tas-superviżjoni għall-finijiet mogħtija fl-Artikolu 1.

⁽¹⁾ Ara paġna 8 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Tekniki għat-tweġġ tas-superviżjoni

1. L-awtorità nazzjonali tas-sikurezza għandha tadotta tekniki għall-attivitajiet ta' superviżjoni. Dawn it-tekniki ġenerali jinkludu intervisti ma' persuni fuq livelli varji ta' organizzazzjoni, ir-reviżjoni ta' dokumenti u ta' rekords marbutin mas-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza, u l-eżaminar tar-riżultati ta' sikurezza tas-sistema ta' ġestjoni mikxufa mill-ispezzjonijiet jew attivitajiet analogi.

2. L-awtorità nazzjonali tas-sikurezza għandha tiżgura li l-attivitajiet tagħha tas-sikurezza jinkludu l-verifika ta':

(a) l-effiċjenza tas-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza;

(b) l-effiċjenza ta' elementi individwali jew parzjali tas-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza, inklużi attivitajiet ta' operat.

Artikolu 5

Rabtiet bejn il-valutazzjoni u s-superviżjoni

1. L-awtorità nazzjonali tas-sikurezza għandha tuża t-tagħrif miġbur matul il-valutazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza ta' impriża ferrovjarja jew ta' ġestur ta' infrastruttura, għall-finijiet tal-superviżjoni tagħha tal-applikazzjoni kontinwa tas-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza tagħhom wara l-ħruġ ta' ċertifikat tas-sikurezza jew tal-awtorizzazzjoni tas-sikurezza.

2. L-awtorità nazzjonali tas-sikurezza għandha wkoll tuża t-tagħrif miġbur matul l-attivitajiet tagħha ta' superviżjoni sabiex tivvaluta mill-ġdid is-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza ta' impriża ferrovjarja jew ġestur ta' infrastruttura, qabel it-tiġdid ta' ċertifikat ta' sikurezza jew ta' awtorizzazzjoni ta' sikurezza.

Artikolu 6

Kompetenza tal-persuni involuti fl-attivitajiet ta' superviżjoni

L-awtorità nazzjonali ta' sikurezza għandu kollha sistema implimentata sabiex tiżgura li l-attivitajiet ta' superviżjoni jitwettqu minn persuni kompetenti.

Artikolu 7

Kriterji għat-tehdid ta' deċizzjonijiet

1. L-awtorità nazzjonali tas-sikurezza għandha tistabbilixxi u tippublika kriterji għat-tehdid ta' deċizzjonijiet dwar kif timmonitorja, tippromwovi, u fejn xieraq, tinforza l-konformità mal-qafas regolatorju tas-sikurezza. Dawn il-kriterji għandhom jinkludu wkoll kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità, marbutin mal-applikazzjoni kontinwa ta' sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza minn impriża ferrovjarja jew ġestur ta' infrastruttura, kif ukoll mal-applikazzjoni kontinwa tal-qafas regolatorju tas-sikurezza.

2. L-awtorità nazzjonali tas-sikurezza għandha tadotta u tippubblika proċedura li tippermetti lill-impriżi ferrovjarji u lill-ġesturi ta' infrastruttura jressqu lment dwar deċiżjonijiet mittieħda matul l-attivitajiet ta' superviżjoni, mingħajr ħsara għar-reqwiżit għal reviżjoni ġudizzjarja ta' dawk id-deċiżjonijiet.

Artikolu 8

Koordinazzjoni u kooperazzjoni

1. L-awtoritajiet nazzjonali ta' sikurezza involuti fis-superviżjoni ta' impriża ferrovjarja li topera fiktar minn Stat Membru wieħed għandhom jikkoordinaw l-approċċ tagħhom għas-superviżjoni sabiex jiżguraw li s-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza tal-impriża ferrovjarja hija effiċjenti u tkopri l-attivitajiet rilevanti kollha. L-attivitajiet ta' koordinazzjoni għandhom jinvolvu qbil fuq it-tagħrif li għandu jinqasam fost l-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza sabiex jiżguraw approċċ komuni għas-superviżjoni tal-impriża ferrovjarja rilevanti. Dan għandu jinkludi wkoll il-qsim ta' tagħrif dwar l-istrateġija u l-pjan(ijiet) ta' superviżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sikurezza kkonċernati, inklużi

r-riżultati kollha rilevanti, sabiex ikun possibbli approċċ konġunt fil-ġlieda kontra n-nuqqas ta' konformità.

2. L-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza għandhom jiżviluppaw arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' korpi nazzjonali ta' investigazzjoni, korpi ta' ċertifikazzjoni għal entitajiet responsabbli għall-manutenzjoni, u awtoritajiet kompetenti oħra, sabiex jaqsmu t-tagħrif tagħhom u jikkoordinaw ir-rispons tagħhom għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-qafas regolatorju ta' sikurezza.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mis-7 ta' Ġunju 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

Attivitajiet ta' superviżjoni

1. Il-ħolqien ta' strateġija u pjan(ijiet) ta' superviżjoni

L-awtorità nazzjonali ta' sikurezza għandha:

- (a) tidentifika oqsma għal attivitajiet ta' superviżjoni immirati;
- (b) tiżviluppa pjan jew pjanijiet ta' superviżjoni li juru kif se twettaq fil-prattika l-istrateġija ta' superviżjoni matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' ċertifikat validu ta' sikurezza jew awtorizzazzjoni valida ta' sikurezza;
- (c) toħroġ stima inizjali tar-riżorsi meħtieġa biex jimplementaw il-pjan jew il-pjanijiet, abbażi taż-żoni jew oqsma mmirati identifikati;
- (d) talloka riżorsi li jimplementaw il-pjan jew il-pjanijiet;
- (e) tuża dejta/tagħrif minn firxa wiesgħa ta' sorsi bħala kontribut lejn l-istrateġija u l-pjan jew il-pjanijiet. Dawn is-sorsi jistgħu jinkludu tagħrif miġbur matul il-valutazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni tas-sikurezza, riżultati ta' attivitajiet ta' superviżjoni mgħoddija, tagħrif minn awtorizzazzjonijiet għad-dħul fis-servizz ta' subsistemi jew vetturi, rapporti ta' inċidenti jew rakkomandazzjonijiet mingħand entitajiet nazzjonali ta' investigazzjoni, rapporti jew dejta oħra dwar aċċidenti u inċidenti, ir-rapporti annwali ta' impriża ferrovjarja jew ta' ġestur tal-infrastruttura mibgħuta lill-awtorità nazzjonali tas-sikurezza, rapporti annwali ta' manutenzjoni minn entitajiet responsabbli għall-manutenzjoni, ilmenti mingħand membri tal-pubbliku, u sorsi rilevanti oħra.

2. Komunikazzjoni tal-istrateġija u pjan(ijiet) ta' superviżjoni

L-awtorità nazzjonali tas-sikurezza għandha:

- (a) tikkomunika l-għanijiet globali tal-istrateġija ta' superviżjoni u l-ispeġja ġenerali tal-pjan jew pjanijiet lill-impriżi ferrovjarji rilevanti jew lill-ġesturi ta' infrastruttura rilevanti u, fejn rilevanti, b'mod iktar wiesa' lil partijiet interessati oħra;
- (b) tippovdi lill-impriżi ferrovjarji rilevanti jew lill-ġesturi ta' infrastruttura rilevanti bi speġja globali dwar kif il-pjan jew pjanijiet ta' superviżjoni se jiġu implimentati.

3. Implimentazzjoni tal-istrateġija u pjan(ijiet) ta' superviżjoni

L-awtorità nazzjonali ta' sikurezza għandha:

- (a) twettaq il-pjan jew il-pjanijiet kif previst;
- (b) tieħu azzjoni proporzjonali biex tindirizza n-nuqqas ta' konformità, inkluż billi toħroġ twissijiet urġenti ta' sikurezza fejn meħtieġ;
- (c) tivvaluta kif u kemm impriża ferrovjarja jew ġestur ta' infrastruttura jkunu żviluppaw u implimentaw pjan jew pjanijiet ta' azzjoni sabiex jsoġu xi każ ta' nuqqas ta' konformità identifikat mill-awtorità nazzjonali tas-sikurezza sa skadenza speċifikata.

4. Riżultati tal-pjan(ijiet) ta' superviżjoni

L-awtorità nazzjonali ta' sikurezza għandha:

- (a) taqsam mal-impriża ferrovjarja rilevanti jew mal-ġestur ta' infrastruttura rilevanti r-riżultati tal-prestazzjoni effiċjenti tas-sistema tagħha ta' ġestjoni tas-sikurezza, b'indikazzjoni tal-oqsma ta' nuqqas ta' konformità min-naħa tal-ġestur tal-infrastruttura jew l-impriża ferrovjarja;
- (b) tikseb perspettiva wiesgħa u ġenerali tal-prestazzjoni ta' sikurezza tal-impriżi ferrovjarji individwali jew tal-ġesturi ta' infrastruttura li joperaw fl-Istat Membru tagħha;
- (c) tippubblika u tikkomunika lill-partijiet interessati u rilevanti l-fehmiet tagħha dwar il-prestazzjoni ġenerali ta' sikurezza fl-Istat Membru rilevanti;
- (d) tippubblika u tikkomunika lill-partijiet interessati u rilevanti l-fehmiet tagħha dwar l-effiċjenza tal-qafas regolatorju tas-sikurezza.

5. Reviżjoni tal-attivitajiet ta' superviżjoni

Abbażi tal-esperjenza miġbura matul l-attivitajiet ta' superviżjoni, b'mod regolari, l-awtorità nazzjonali ta' sikurezza għandha:

- (a) twettaq reviżjoni tal-pjan jew pjanijiet biex tivverifika li jkunu xierqa l-attività oriġinalment immirata, l-użu tad-dejta/tagħrif minn firxa miftuħa ta' sorsi, ir-riżultati tas-superviżjoni, u l-allokazzjoni tar-riżorsi, u fejn meħtieġ, l-awtorità nazzjonali ta' sikurezza għandha tibdel il-prijoritajiet rilevanti;
- (b) twettaq kull tibdil meħtieġ lill-pjan jew pjanijiet jekk iridu jiġu riveduti, u tqis l-impatt tat-tibdil fuq l-istrateġija tas-superviżjoni;

- (c) tikkontribwixxi, fejn meħtieġ, permezz tal-fehmiet tagħha, u kwalunkwe proposta rilevanti lill-Istat Membru rilevanti, sabiex jegħlbu kwalunkwe nuqqas fil-qafas regolatorju tas-sikurezza.
-